**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can), Ph.D.**

**Appell Nru: 232/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**Paul Spagnol**

**Omissis**

Illum, 5 t'April 2022

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellat Paul Spagnol, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 224267M u Omissis, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fit-23 ta' Ġunju 2010 u/jew fix-xhur ta' qabel u/jew wara din l-istess data :

1. Għamlu atti ta' money laundering billi :-

a) ikkonvertew jew ittrasferixxew proprjeta` meta kienu jafu jew setgħu ssuspettaw li dik il-proprjeta` kienet direttament jew indirettament inkisbet minn, jew mir-rikavat ta' , attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attivita kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaga b' oħra ta' l-oriġini tal-proprjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew konċernati f' attivita' kriminali;

b) ħbew jew urew ħaġa b' oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq proprjeta`, meta kienu jafu jew setgħu ssuspettaw li dik il-proprjeta` kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita` kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attivita' kriminali;
c) akkwistaw proprjeta' meta kienu jafu jew setgħu ssuspettaw li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attivita' kriminali;
d) irritenew mingħajr skuża raġonevoli proprjeta' meta kienu jafu jew setgħu ssuspettaw li l-istess proprjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f' attivita' kriminali;
e) ittantaw jagħmlu l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;
f) aġixxew bhala kompliċi fit-tifsir ta' l-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) tal-Artikolu 2 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta;
2. Ippromovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reat kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar;
3. Appartjenew għall-għaqda msemmija fis-subartiklu (1) tal-Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
PAUL SPAGNOL WAĦDU ġie akkużat ukoll talli bejn is-6.30 ta' filgħaxija nhar il-21 ta' Ġunju, 2010 u l-10.30 ta' bil-lejl, nhar it-23 ta' Ġunju, 2010 minn ġewwa l-fond Lancaster House fi Triq Castelletti, Sliema, flimkien ma Joseph Camilleri u/jew ma persuna/i oħra mhux magħrufa:
4. Ikkommetta serq ta' diversi oġġetti, l-iktar ġojjellerija, kif ukoll flus kontanti w oġġetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, li jeċċedi l-elfejn tlett mija u disgħa w għoxrin Euro u sebgħa w tletin ċentezmu (€2329.37), bil-lok u bil-ħin, u li sar għad-detriment tas-sinjorina Dorothy Trapani Galea u/jew ta' xi persuna/i oħra;
5. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament, ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobbli, u ċioe' il-bieb ta' barra ta' l-istess

fond u/jew xi aperturi oħra interni, kif ukoll xi għamara, liema ħsara ma tiskorrix l-elf mija w erbgħa u sittin Euro u disgħa u sittin ċentezmu (€1164.69), imma iżjed minn mija u sittax il-Euro u sebgħa w erbgħin ċentezmu (E116.47) ai terminu ta' l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, liema ħsara saret għad-dannu tas-sinjorina Dorothy Trapani Galea u/jew ta' xi persuna/i oħra;

PAUL SPAGNOL WAĦDU ġie akkużat ukoll talli f' dawn il-Gżejjer, fit-23 ta' Gunju, 2010, u/jew fix-xhur ta' qabel u/jew wara din l-istess data:

6. Assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni, f' Malta jew barra minn Malta, bilgħan li jagħmel delitt f' Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma hux delitt taħt l-att dwar l-Istampa;

7. Talli f' dawn il-gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b' qerq, jew akkwistati b' reat, u cioe' kwantita' ta' ġojjellerija, li tiswa iktar minn elfejn, tlett mija u disgħa w għoxrin Ewro u sebgha u tletin ċentezmu (€2329.37);

8. talli kiser il-provedimenti ta' l-Artiklu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta li kien ġie impost fuq l-imputat permezz ta' sentenza mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (maġistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D.) nhar l-10 ta' Marzu, 2010;

9. Ukoll, talli f' dawn il-Gżejjer, naqas milli jħares xi wahda mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qrati ta' Malta wara li, f'iktar minn okkażżjoni waħda, huwa ngħata il-ħelsien mill-arrest taħt diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix reat/i ta' natura volontarja;

10. Fl-aħħarnett, akkużat ukoll talli rrenda ruhu reċediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li huwa ġa ġie misjub ħati permezz ta' diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti ġiet gentilment mitluba sabiex, f' kaz ta' ħtija, tipprojbixxi lill-akkuzati milli jittrasferixxu, jagħtu b' rahan, jew xort' ohra jiddisponu minn xi proprjeta` mobbli jew immobli, ai termini ta' l-Artikolu 5(1)(b) ta' l-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll hekk kif applikat ai termini ta' l-Artikolu 23A(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet wkoll ġentilment mitluba sabiex tinnomina espert sabiex jagħmel inventarju tal-proprjeta' kollha, skond kif deskritta fl-Artikolu 2 tal- Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373, tal-Liġijiet ta' Malta, li tappartjeni liz-żewġ imputati odjerni.

Oltre minn hekk, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex, f' kaz ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għal ħlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitlu 9, tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-19 ta' April 2017 fejn il-Qorti il-konfront tal-imputata Omissis ma sabitiex hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u minnhom illiberatha.

Fil-konfront tal-imputat Paul Spagnol, sabet lill-imputat hati biss tal-akkuza numru sebgha (7) migjuba fil-konfront tieghu dwar ricettazzjoni u billi kienet tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdet lill-imputat taht Ordni ta' Probation ghall-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni huma suggetti ghall-kundizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghtija u annessi ma' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jiftiehem, l-effetti tal-ordnijiet ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f' kaz li jonqos milli jikkonferma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f' kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu instab hati b' din is-sentenza.

Ai termini ta l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghtija b' Digrieti ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal/i tal-probation biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputati Paul Spagnol.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 qieghdet lil Paul Spagnol taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas fil-massimu li tipprovdi l-ligi ghall-erba' mija u tmenin (480) siegha f' dak il-post u skond l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra msemmija fid-digriet anness.

Din l-ordni saret wara li l-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-import ta' din l-ordni u qaltlu x' inhuma l-konsegwenzi jekk huwa ma' joqghodx ghall-kundizzjonijiet ta' din l-ordni.

Rat is-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Settembru, 2020 fejn din il-Qorti *ex officio* annullat is-sentenza appellata u wara li rat l-artikolu 49, 334(a), 261(c), 279(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-appellant hati tas-seba' (7) u tal-ghaxar (10) imputazzjoni rigwardanti r-recediva ai termini biss tal-artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta izda mhux tal-artikolu 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u a tenur tal-artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta poggiet lill-appellant taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum, liema ordni kient suggetta ghal-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghtija fil-jum ts-sentenza stess u annessa ma dik is-sentenza.

Bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta poggiet lil appellant taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita' billi kellu jaghmel xoghol bla hlas fil-massimu li tipprovdi l-ligi ghall-erba' mija u tmenin (480) siegha f'dak il-post u skond

l-arrangamenti li saru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u bil-kundizzjonijiet kollha l-ohra msemmija fid-digriet hemm anness.

Din il-Qorti ordnat ukoll li mill-ammont ta' erba' mija u tmenin (480) siegha xoghol fil-komunita' bla hlas kellhom jitnaqqsu s-sieghat ta' xoghol fil-komunita' li l-appellat diga skonta in konnessjoni mas-sentenza tal-Ewwel Qorti li giet annullata permezz ta' din is-sentenza.

Illi l-kundizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation huma s-segwenti:-

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-hati kellu jgib ruhu tajjeb, joqghod ghad-direttivi kollha tal-Ufficjal tal-Probation u jzomm dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-ufficjal tal-probation mahtur lilu.
2. L-Ufficcjal tal-Probation mahtur ghal dan l-iskop kellu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hati kull sitt xhur.
3. Il-hati kellu javza immedjatament lill-Ufficjal tal-Probation b'kull bdil li talvolta jaghmel fl-indirizz residenzjali tieghu.
4. Li kellu jzomm ruhu f'kuntatt mal-ufficjal tal-Probation skont id-direttivi li jaghtih minn zmien ghall-iehor l-istess Ufficjal tal-Probation; u partikolarment li huwa kellu, jekk l-Ufficjal tal-Probation ikun hekk irid, jircievi zjarat tal-istess Ufficjal tal-Probation.
5. Li l-hati kellu joqghod ghal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Ufficjal tal-Probation intizi li jghinu lill-hati biex ma jergax jirrepeti r-reat jew jikkommetti reati ohra.

Rat illi fis-7 ta' Dicembru l-Ufficcjal tal-Probabtion Sharlet Fabri pprezentat denunzja quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att IV tas-sena 2014 fejn esponiet is-segwenti:-

1. Illi bis-sentenza imsemmija moghtija fit-2 ta' Settembru 2020 l-Ufficcjal tal-Probation ta' Paul Spagnol detentur tal-karta ta' identita' numru 224267(M) naqas milli izomm ruhu f'kuntatt mal-Ufficcjal tal-Probation u dan bi ksur tal-

Ordni tal-Probation imposta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti u ghalhekk dan l-agir wassal sabiex is-supervizjoni adekwata ma hiex iktar possibbli.

Rat in-nota annessa mar-rikors fejn l-istess Ufficjal tal-Probation Sharlet Fabri irrilevat is-segwenti:-

"Wara n-nota ta' andament precedenti ntavolata fl-14 ta' Gunju 2021 l-Ufficjal tinforma lil din l-Onorabbli Qorti li Paul Spagnol gie rilaxxjat mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin fejn kien qed jinzamm taht arrest preventiv fit-28 ta' Lulju 2021. Madanakollu, huwa naqas milli jaghmel kuntatt mal-Ufficcjal tal-Probation u sahansitra naqas milli jattendi ghall-appuntamenti moghtija lilu minkejja li nghata twissija finali.

Minkejja dan huwa kompla jahdem bla hlas fi hdan Dar Patri Leopoldo sabiex eventwalment temm is-sieghat moghtija lilu permezz tal-Ordni ta' Servizz fil-komunita' fit-22 ta' Settembru. Kopja tad-dokument tal-atttendenza giet mehmuza man-nota.

Fit-23 ta' Settembru l-ikkoncernat tfacca minghajr pre-avviz gewwa d-dipartiment tal-probation u l-parole u sahaq li l-Ordni tal-Probation rrendiet ruhha sospiza minhabba li kien qed jigi akkuzat bil-ksur taghha quddiem Qorti ohra. Ghalkemm gie spjegat lilu li huwa ghadu obbligat jottempera ruhu mal-kundizzjonijiet imposti fuqu Spagnol esprima x-xewqa li jikkonferma dawn il-fatti mal-avukat tieghu.

Madankollu naqas milli jwiegeb it-telefonati li bdew isirulu sakemm fis-26 ta' Ottubru Paul Spagnol rega' kien fuq l-ahbarijiet hekk kif ghal darb'ohra inzamm taht arrest wara li kien involut f'argument ma persuna ohra. Minkejja li huwa m'ghamilx kuntatt mad-dipartiment tal-Probation u Parole informazzjoni migbura mill-Agenzija Servizzi Korrettivi uriet li mal-ammissjoni tieghu l-ikkoncernat instab li kien posittiv ghas-sustanzi tal-kokaina u Cannabis.

Paul Spagnol inheles mill-arrest fil-25 ta' Novembru 2021 fejn sussegwentement inghata twissija finali sabiex jattendi ghal appuntament mal-Ufficjal tal-Probation izda naqas li jaghmel dan. Ghaldaqstant l-Ufficjal tal-Probation ma kienx fadlilha ghazla hlief li tintavola rikors ta' denunzja fil-konfront tal-koncernat.

Rat ir-risposta tal-Avukat Generali prezentata fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' Dicembru 2021 fejn esponiet is-segwenti:-

> *"Illi fir-rigward tal-appell fl-ismijiet surreferit nhar is-16 ta' Dicembru 2021, l-esponenti gie notifikat b'rikors intavolat mill-Ufficcju tal-Probation Sharlet Fabri li permezz tieghu ghamlet denunzja quddiem din l-Onorabbli Qorti ai termini tal-artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' Paul Spagnol ghar-raguni li Paul Spagnol naqas li izomm kuntatt maghha u dan bi ksur tal-Ordni ta' Probation imposta fuqu minn dina l-Onorabbli Qorti liema agir qed iwassal sabiex supervizzjoni adegwata ma tkunx possibli.*
> *Illi l-esponent gie moghti l-fakolta li jirrispondi fi zmien erbat ijiem.*
> *Ili wara li l-esponent hadet konjizzjoni tar-rikors surreferit u d-digriet ta' din al-Onorabbli Qorti fl-umli fehma tal-esponent dina l-Onorabbli qorti tipprocedi ai termini tal-artikolu 21 tal-Kap 446 tal-ligijiet ta' Malta.*

Rat ir-risposta ta' Paul Spagnol ghar-rikors tal-Ufficcjal tal-Probation fejn espona is-segwenti:_

*" Illi l-esponenti jirreferi ghall-anness dok PS minn fejn jirrizulta illi huwa prezenjalment jinsab akkuzat inter alia proprju bi ksur tal-probation order odjern, (Liema akkuza qed jikkontesta) u ghalhekk il-konsegwenza legali naturali ta dan il-fatt hwua necessarjament ili l-istess ordni ta' probation gie legalment sospiz b'effett mid-data li fiha l-esponent gie hekk akkuzat u ghalhekk din il-Qorti f'dan l-istadju ghandha tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikros odjern."*

Semghet ix-xhieda tal-Ufficjal tal-Probation **Sharlet Fabri** moghtija nhar l-24 ta' Frar 2022 fejn spjegat illi d-denunzja li hija pprezentat fil-konfront ta' Paul Spagnol saret minhabba li dan qatta kull kuntatt mad-dipartiment tal-Probation. Qalet ukoll li sa fejn kienet taf hi minn Gunju l'hawn huwa fetah tlett kazijiet ohra. Qalet ukoll li kull darba li dahal il-habs taht arrest il-kampjuni tal-awrina tieghu kienu imcapsin bil-kokaina. Tghid ukoll li ma kellhiex mezz kif taghmel iktar supervizjoni kif titlob l-ordni tal-probation.

Illi r-rikorrenti ma xehdx kif del resto ghandu kull dritt u ghalhekk din il-Qorti hija rinfaccjata biss bil-verzjoni tal-fatt kif esposti mill-Ufficjal tal-Probation fir-rapport tad-denunzja taghha u waqt ix-xhieda guramentata taghha.

Ili ma hemmx dubbju kif qalet ir-rikorrenti li Spagnol ma zammx kuntatt maghha kif kien obbligat li jaghmel skond l-Ordni tal-Probation. Di piu jirrizulta li kien hemm tlett rizultati ta' testijiet li jindikaw li l-probationer ha d-droga kokaina waqt li kein qed isegwi din l-ordni. Jinghad li ghalkemm huwa minnu li huwa ittermina z-zmien ta' xoghol komunitarju ma zammx kuntatt mal-ufficcjal minkejja li l-istess ufficcjal spjegatlu l-portata tal-ordni. L-avukat difensur ta' Spagnol argumenta li l-ordni tal-probation giet sospiza ghaliex huwa tressaq il-Qorti nhar is-6 ta' Gunju 2021 akkuzat bi ksur ta' tali ordni ta' probation.

Jinghad li l-probationer qabad u waqaf kull kuntatt mal-ufficcjal tal-probation minn jeddu u minkejja li gie spjegat tieghu l-import ta' tali ordni cio nonostante ghazel li ma jsegwix tali ordni. Jinghad li minkejja li Spagnol gie akkuzat f' Gunju 2021 bi ksur tal-probation kien u ghadu prezunt innocenti fuq din l-akkuza u ghalhekk l-effetti tal-probation jibqa' in vigore. Oltre dan jirrizulta li l-ufficcjal tal-probation spjegatlu li kellu jkompli isegwi l-ordni tal-Qorti pero huwa ghazel li ma jghamilx dan. Jirrizulta ukoll li l-idonejita tal-hati li jsegwi l-ordni tal-probation ma baqghetx hemm meta tqis li kull darba li gie arrestat u ta l-kampjun tal-awrina tieghu huwa kellu rizultat posittiv ghad-droga. Zgur li dan l-

andament ma jawgurax tajjeb ghall-persuna li inghata cans mill-Qorti sabiex jindirizza hajtu u jibda hajtu mill-gdid 'l boghod mill-attivitajiet kriminali. Il-hati ma jistax ikompli jinjora l-ordnijiet tal-Qorti u ma jgharafx jisfrutta l-opportunitajiet li gew moghtija lilu sabiex ibiddel hajtu.

Jekk il-hati irid jkompli jghix ta' kriminal u jinjora l-ghajnuna li din il-Qorti kienet lesta li toffrilu irid jaffaccja l-konsegwenzi ta' ghemilu ghal darba darbtejn.

L-**artikolu 21 (2) tal-Kap 446** tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:-

> (2) *Jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taħt probation jkun naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' mingħajr preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni, twaħħal il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), jew tista'titratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' titratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat.*

Illi l-artikolu 20 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li "*Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att li japplikaw għall-ordnijiet ta' probation u l-ordni ta' servizz fil-komunità għandhom japplikaw għal ordnijiet ta' probation u servizz.*"

Illi ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li hija ghandha titratta mal-hati mill-gdid daqs li kieku qed jinstab hati tar-reati kommessi minnu ghall-ewwel darba. Hija qed ghalhekk issibu hati tar-reat ta' ricettazzjoni wara li rat l-artikolu 344 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Rat il-fedina penali tieghu li hija wahda rafrettarja hafna. Rat illi minkejja li nghata diversi opportunitajiet sabiex jirregola hajtu u jaqbad it-triq it-tajba dan irrifjuta li jghamel dan u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi hija tal-fehma li l-ahjar piena hija dik ta' prigunerija.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda ssibu hati tas-seba' (7) akkuza u cioe tar-reat ta' ricettazzjoni, tat-tmien (8) akkuza u cioe talli kiser il-provediment ta' l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kien gie impost permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u tal-ghaxar (10) akkuza u cioe li huwa recidiv ai termini tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah tlett (3) snin prigunerija filwaqt li ma ssibux hati tar-reati l-ohra u tilliberah minnhom.

Il-Qorti tordna li z-zmien li l-hati ghamel taht arrest in konnessjoni ma din l-istess kawza jitnaqqas mill-perijodu ta' prigunerija li gie kkundannat jghamel b'din is-sentenza.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef

Vera kopja

Nadia Ciappara
Deputat Registratur